# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' Settembru 2002**

**Avviz. numru 26/02**

**Numru 3**

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Renaldo Arciola**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, erba' mija sitta u tletin liri Maltin, disgha u sebghin centezmi (Lm2436.79) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-"loan account" u "cheque account" li l-konvenut ghandu mal-istess Bank attur, bl-interessi kkalkolati sat-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) skond zewg statements annessi mal-avviz u

mmarkati Dok A u Dok B oltre l-imghaxijiet ulterjuri mid-dsatax (19) ta' Dicembru, tas-sena elfejn u wiehed (2001) sad-data tal-pagament effettiv u dan stante l-fatt li ghalkemm interpellat sabiex ihallas anke ufficjalment il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kollha ssir din il-kawza kontra l-konvenut.

Bl-ispejjez kollha inkluz l-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dak ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-1 ta' Ottubru 2001, tal-mandati ta' qbid u sekwestru ippresentati mal-avviz u bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Dicembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-atti a fol 2 u 3 u mmarkati Dok A u Dok B.

Rat ir-rikors u d-digriet relattiv moghti fl-21 ta' Marzu 2002 (fol 15 u fol 17 tal-istess atti) kif ukoll li l-istess konvenut gie notifikat skond l-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhud, Alexander Cutajar, prodott mill-istess socjeta attrici.

Ikkunsidrat

Illi mix-xhieda tal-imsemmi Alexander Cutajar jidher li l-ammont pretiz mis-socjeta attrici u specifikat fl-avviz in esami ghadu dovut sad-data tallum.

Ikkunsidrat

Illi jigi rilevat, ukoll, li l-konvenut, ma deherx quddiem din il-Qorti sabiex jikkontesta t-talbiet in esami kif ukoll lanqas ma ssottometta xi eccezzjoni sad-data tallum stess.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, dak mitlub mis-socjeta attrici ghandu jigi akkolt "in toto" mill-istess Qorti.

Ghal dawn il-motivi, tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2436.79,0 bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Dicembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk in konnessjoni ma "V.A.T." fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll

tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Ottubru 2001 u tal-mandati kawtelatorji ta' qbid u ta' sekwestru tat-8 ta' Jannar 2002.

Anthony Zammit
Deputat Registratur